

Brussell, 24 ta' Settembru 2018  
(OR. en)

12464/18

FIN 711

#### NOTA TA' TRASMISSJONI

---

|                   |   |
|-------------------|---|
| minn:             | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur   |
| data meta waslet: | 21 ta' Settembru 2018   |
| lil:              | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea   |
| Nru dok. Cion:    | COM(2018) 661 final   |
| Suġġett:          | Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill:<br>Rapport annwali lill-Awtorità tal-Kwittanza dwar l-awditi interni mwettqa fl-2017 |

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 661 final.

Mehmuż: COM(2018) 661 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 21.9.2018  
COM(2018) 661 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-  
KUNSILL**

**Rapport annwali lill-Awtorità tal-Kwittanza dwar l-awditi interni mwettqa fl-2017**

{SWD(2018) 429 final}

## Werrej

|   |    |
|---|----|
| 1. Introduzzjoni.....   | 2  |
| 2. Il-missjoni tas-Servizz tal-Awditjar Intern: L-indipendenza, l-oġġettività u l-obbligu ta' rendikont, l-Objettivi u l-kamp ta' applikazzjoni tar-Rapport ..... | 3  |
| 3. Farsa ġenerali lejn ix-xogħol tal-awditjar.....  | 4  |
| 3.1. Implimentazzjoni tal-pjan tal-awditjar tal-2017.....   | 4  |
| 3.2. Data statistika dwar ir-rakkomandazzjonijiet tas-Servizz tal-Awditjar Intern .....   | 5  |
| 4. Konklużjonijiet dwar il-ħidma tal-awditjar imwettqa fl-2017.....   | 9  |
| 4.1. Il-konklużjonijiet dwar l-awditi tal-prestazzjoni .....  | 9  |
| 4.1.1. Il-Prestazzjoni tad-Direttorati Ġenerali, tas-Servizzi u tal-Aġenziji Eżekuttivi tal-Kummissjoni: proċeduri orizzontali .....                              | 9  |
| 4.1.2. Il-prestazzjoni fl-implimentazzjoni ta' approprjazzjonijiet operattivi u amministrattivi tal-baġit .....   | 14 |
| 4.2. Konklużjonijiet limitati tas-Servizz tal-Awditjar Intern dwar l-istat tal-kontroll intern ta' kull DG15 .....  |    |
| 4.3. Opinjoni ġenerali dwar il-ġestjoni finanzjarja tal-Kummissjoni .....   | 16 |
| 5. Konsultazzjoni mal-Panil dwar l-Irregolaritajiet Finanzjarji tal-Kummissjoni .....   | 17 |
| 6. Miżuri ta' mitigazzjoni fir-rigward ta' kunflitt ta' interess potenzjali (standards internazzjonali) – Investigazzjoni tal-Ombudsman Ewropew .....             | 18 |
| 7. Konklużjonijiet.....   | 19 |

## 1. INTRODUZZJONI

Dan ir-rapport għandu l-għan li jinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-ħidma li twettqet mis-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS - Internal Audit Service) tal-Kummissjoni, kif obligat mir-Regolament Finanzjarju. Huwa bbażat fuq ir-rapport imfassal mill-Awditur Intern tal-Kummissjoni, rigward ir-rapporti tal-awditi u tal-konsulenza tas-Servizz tal-Awditjar Intern li tlestew fl-2017<sup>1</sup> dwar id-Direttorati Ġenerali, is-Servizzi u l-Aġenziji Eżekuttivi tal-Kummissjoni<sup>2</sup>. F'konformità mal-bażi ġuridika tiegħu huwa jinkludi sommarju dwar l-għadd u t-tip ta' awditi interni mwettqa, ir-rakkomandazzjonijiet u l-azzjoni meħuda abbażi ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet.

---

1 Ir-rapporti tal-awditjar li ġew iffinalizzati fil-perjodu bejn l-1 ta' Frar 2017 u l-31 ta' Jannar 2018 qegħdin f'dan ir-rapport.

2 Ir-Rapport ma jkoprix l-Aġenziji Ewropej deċentralizzati, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jew korpi oħra awditjati mis-Servizz tal-Awditjar Intern, li jirċievu rapporti annwali separati.

## **2. IL-MISSJONI TAS-SERVIZZ TAL-AWDITJAR INTERN: L-INDIPENDENZA, L-OĠĠETTIVITÀ U L-OBBLIGU TA' RENDIKONT, L-OBJETTIVI U L-KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAR-RAPPORT**

Il-missjoni tas-Servizz tal-Awditjar Intern hija li jipprovdi lill-Kummissjoni b'servizzi ta' aċċertament u ta' konsulenza indipendenti u oġġettivi mfassla biex iżidu l-valur u jtejbu l-operazzjonijiet tal-Kummissjoni. Is-Servizz tal-Awditjar Intern jgħin il-Kummissjoni tilħaq l-oġġettivi tagħha permezz ta' approċċ sistematiku u dixxiplinat sabiex tevalwa u tagħmel rakkomandazzjonijiet sabiex titjeb l-effikaċja tal-ġestjoni tar-riskju u tal-proċeduri ta' kontroll u ta' governanza. Il-kompiti tiegħu jinkludu l-valutazzjoni u t-twettiq ta' rakkomandazzjonijiet xierqa biex titjeb il-proċedura ta' governanza biex jintlaħqu l-oġġettivi tiegħu li ġejjin: il-promozzjoni ta' etika u valuri xierqa fl-organizzazzjoni, l-iżgurar ta' ġestjoni effettiva tal-prestazzjoni organizzazzjonali u l-obbligu ta' rendikont, u l-komunikazzjoni effettiva ta' informazzjoni dwar ir-riskji u l-kontrolli lil oqsma xierqa tal-organizzazzjoni. B'dan huwa jippromwovi kultura ta' ġestjoni effiċjenti u effettiva fi ħdan il-Kummissjoni u d-dipartimenti tagħha. L-indipendenza tas-Servizz tal-Awditjar Intern hija minqusa fir-Regolament Finanzjarju<sup>3</sup> u fil-Karta tal-Missjoni<sup>4</sup> tiegħu kif adottata mill-Kummissjoni. Is-Servizz tal-Awditjar Intern jirrapporta dwar l-awditi kollha tiegħu lill-Kumitat tal-Progress tal-Awditjar. Il-Kumitat tal-Progress tal-Awditjar jassisti lill-Kulleġġ tal-Kummissarji billi jiżgura li x-xogħol tas-Servizz tal-Awditjar Intern u tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri jitqiesu b'mod xieraq mis-servizzi tal-Kummissjoni u jingħataw segwitu xieraq.

Is-Servizz tal-Awditjar Intern iwettaq ix-xogħol tiegħu skont ir-Regolament Finanzjarju u l-Istandards Internazzjonali għall-Prattika Professjonali tal-Awditjar Intern u l-Kodiċi ta' Etika tal-Istitut tal-Awdituri Interni.

Is-Servizz tal-Awditjar Intern ma jagħmilx awditjar tas-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri fuq il-fondi tal-UE. Dawn l-awditi, li jaslu sal-livell tal-benefiċjarji individwali, jitwettqu mill-awdituri interni tal-Istati Membri, l-Awtoritajiet tal-Awditjar nazzjonali, Direttorati Ġenerali oħra individwali tal-Kummissjoni u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Is-Servizz tal-Awditjar Intern madankollu jwettaq miżuri tal-awditjar meħuda mis-servizzi tal-Kummissjoni għas-superviżjoni u l-awditjar ta' korpi fl-Istati Membri, u korpi oħra li huma responsabbli għall-iżborżar ta' fondi tal-UE, bħan-Nazzjonijiet Uniti. Kif previst fir-Regolament Finanzjarju, is-Servizz tal-Awditjar Intern jista' jwettaq dawn il-kompiti fuq il-post, inkluż fl-Istati Membri.

---

3 L-Artikolu 100 tar-Regolament Finanzjarju.

4 ref. C(2017)4435 final tat-30 ta' Ġunju 2017, il-Komunikazzjoni lill-Kummissjoni, il-Karta tal-Missjoni tas-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea.

### 3. ĦARSA ĠENERALI LEJN IX-XOGĦOL TAL-AWDITJAR

#### 3.1. Implimentazzjoni tal-pjan tal-awditjar tal-2017<sup>5</sup>

Sad-data ta' skadenza tal-31 ta' Jannar 2018, l-implimentazzjoni tal-pjan ta' awditjar aġġornat tal-2017 laħqet il-mira ta' 98 %<sup>6</sup> tal-impenji ppjanati għall-awditi fil-Kummissjoni, is-Servizzi u l-Aġenziji Eżekuttivi<sup>7</sup>.

Ġew iffinalizzati 148 impenn (inklużi awditi, azzjonijiet ta' segwitu, rieżamijiet u inkarigi konsultattivi), imqassma kif ġej:

|                                  | 2017       |           | 2016       |           | 2015       |           |
|----------------------------------|------------|-----------|------------|-----------|------------|-----------|
|                                  | Impenji    | Rapporti  | Impenji    | Rapporti  | Impenji    | Rapporti  |
| Awditi                           | 54         | 58        | 52         | 60        | 38         | 528       |
| Segwitu                          | 90         | -         | 95         | -         | 96         | -         |
| Rieżami (Limitat)                | 2          | 2         | 6          | 6         | 2          | 2         |
| Ittra dwar il-ġestjoni           | 0          | 0         | 0          | 1         | 1          | 1         |
| Valutazzjoni tar-Riskju tal-JSIS | 0          | 0         | 0          | 0         | 1          | 1         |
| Konsultazzjoni                   | 2          | 2         | 1          | 1         | 1          | 1         |
| <b>Total</b>                     | <b>148</b> | <b>62</b> | <b>154</b> | <b>68</b> | <b>139</b> | <b>57</b> |

Il-pjan inizjali tal-2017<sup>9</sup> kien fih 66 eżerċizzju ta' awditjar (inklużi awditi, rieżamijiet u impennji ta' konsulenza, iżda esklużi s-segwiti) li kienu ppjanati li jiġu ffinalizzati sad-data ta' skadenza tal-31 ta' Jannar 2018. Barra minn hekk, il-pjan kien fih 38 impenn li kienu ppjanati li jibdew qabel din id-data ta' skadenza u li kellhom jitlestew fl-2018. Il-pjan tal-2017 ġie aġġornat<sup>10</sup> f'nofs is-sena. Kemm il-pjanijiet inizjali kif ukoll dawk aġġornati ġew ikkunsidrati mill-Kumitat tal-Progress tal-Awditjar.

Skont l-Istatut tiegħu u l-Istandards Internazzjonali u sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni effiċjenti u effettiva tal-pjan ta' awditjar, is-Servizz tal-Awditjar Intern jippjana x-xogħol tal-awditjar tiegħu abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju u ta'

5 Ara wkoll tas-Servizz tal-Awditjar Intern fir-Rapport tal-Attività Annwali tal-2017.

6 L-impenji kollha ta' (awditjar, konsulenza u segwiti) tlestew, ħlief għal ittra waħda dwar il-ġestjoni. Il-ħruġ ta' ittra dwar il-ġestjoni li tiġbor fil-qosor ir-riżultati ta' diversi awditi fir-Riżorsi Umani tal-Kummissjoni ġie pospost għall-2018.

7 Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal (SWD) jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-awditi kollha lesti u s-segwitu tal-impenji ta' segwitu tal-awditjart.

8 Xi awditi, b'mod partikolari awditi ta' diversi Direttorati Ġenerali, jistgħu jagħtu lok għal aktar minn rapport tal-awditjar wieħed.

9 Inħareġ fis-16 ta' Frar 2017.

10 Inħareġ fit-28 ta' Lulju 2017. Jiddeskrivi t-tibdiliet fil-pjan li jirriżultaw minn tnaqqis fil-kapaċità u valutazzjoni mill-ġdid tal-esponiment għar-riskju tad-Direttorati Ġenerali/tas-Servizzi.

analiżi tal-kapaċità. L-implimentazzjoni mbagħad tiġi mmonitorjata regolament u jsiru l-aġġustamenti kif meħtieġ.

### 3.2. **Data statistika dwar ir-rakkomandazzjonijiet tas-Servizz tal-Awditjar Intern<sup>11</sup>**

L-għadd ta' rakkomandazzjonijiet maħruġa mis-Servizz tal-Awditjar Intern (inkluża r-rata ta' aċċettazzjoni tagħhom) fl-2017 kien kif ġej:

|                        | Rakkomandazzjonijiet ġodda | Aċċettati Kollha bis-Sħiħ |           | Aċċettati parzjalment <sup>12</sup> |          | Mhux aċċettati |          |
|------------------------|----------------------------|---------------------------|-----------|-------------------------------------|----------|----------------|----------|
|                        |                            | Nru                       | %         | Nru                                 | %        | Nru            | %        |
| <i>Prijorità</i>       | Nru                        | Nru                       | %         | Nru                                 | %        | Nru            | %        |
| Ta' importanza kritika | 1                          | 1                         | 100       | 0                                   | 0        | 0              | 0        |
| Importanti ħafna       | 71                         | 71                        | 100       | 0                                   | 0        | 0              | 0        |
| Importanti             | 126                        | 124                       | 98        | 2                                   | 2        | 0              | 0        |
| Mixtieqa               | 1                          | 1                         | 100       | 0                                   | 0        | 0              | 0        |
| <b>Total</b>           | <b>199</b>                 | <b>197</b>                | <b>99</b> | <b>2</b>                            | <b>1</b> | <b>0</b>       | <b>0</b> |

Għar-rakkomandazzjonijiet kollha li jkunu aċċettati jew parzjalment aċċettati, il-partijiet awditjati fasslu abbozzi ta' pjanijiet ta' azzjoni, li tressqu u li ġew iwwalutati bħala sodisfaċenti mis-Servizz tal-Awditjar Intern

L-Awditur Intern, fir-Rapport Annwali tal-Awditjar Intern tal-2017 mibgħut lill-Kummissjoni f' Mejju 2018, irrapporta li dak iż-żmien (abbażi tad-data ta' skadenza tal-31 ta' Jannar 2018), żewġ pjanijiet ta' azzjoni kienu għadhom pendenti<sup>13</sup>. Minn

11 Ħarsa ġenerali komprensiva dwar ir-rakkomandazzjonijiet tas-Servizz tal-Awditjar Intern hija pprovduta fir-rapport indirizzat lill-Kumitat dwar il-Progress tal-Awditjar bid-data tas-27 ta' Marzu 2018.

12 Żewġ rakkomandazzjonijiet ġew aċċettati parzjalment fl-2017:

- Rakkomandazzjoni waħda dwar indikaturi tal-piż tax-xogħol, ikklassifikata bħala importanti, indirizzata lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks (INEA) fl-awditu dwar il-ġestjoni tar-Riżorsi Umani fl-Aġenzija. Madankollu, il-pjan ta' azzjoni pprovdut mill-INEA indirizza l-partijiet kollha tar-rakkomandazzjoni (inkluża l-parti miċħuda).
- Rakkomandazzjoni minnhom, dwar it-twaqqif ta' pjanijiet ta' kontroll, ikklassifikata bħala importanti, indirizzata lid-Direttorat Ġenerali għall-Politika tal-Viċinat u n-Negożjati għat-Tkabir fl-awditu dwar l-akkwist permezz tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) – il-fażi II. Din ir-rakkomandazzjoni ġiet diskussa fil-laqgħa tal-grupp preparatorju tal-Kumitat tal-Progress tal-Awditjar (APC) fl-10 ta' Jannar 2018. Wara l-laqgħa, id-DĠ NEAR kkonferma lis-Servizz tal-Awditjar Intern li huwa jaqbel mal-prinċipju ta' żewġ sottorakkomandazzjonijiet (parti minn rakkomandazzjoni nru 1) li jirriżultaw mill-awditu tas-Servizz tal-Awditjar Intern, u ta lill-IAS spjegazzjonijiet addizzjonali fir-rigward tar-raġunijiet l-għala dawk is-sottorakkomandazzjonijiet ma setgħux jissarrfu f' miżuri operattivi f'dan l-istadju (biex b'hekk wasslu għaċ-ċaħda parzjali tar-rakkomandazzjoni).

Bħala regola, is-Servizz tal-Awditjar Intern jipproponi li jiġi diskuss, mal-Kumitat dwar il-Progress tal-Awditjar, l-awditjar li r-rakkomandazzjonijiet minnu jiġu (parzjalment) irrifjutati. Dan jista' jirriżulta f'Direttorati Ġenerali li jikkunsidraw mill-ġdid il-pożizzjoni tagħhom.

13 Iż-żewġ pjanijiet ta' azzjoni relatati mal-awditi fuq:

- *l-Arranġamenti ta' governanza/ta' sorveljanza tal-Kummissjoni rigward il-ġestjoni tar-riskju, ir-rapportar finanzjarju u l-funzjoni tal-kontroll ex post/tal-awditjar*. Għal dan l-awditu, il-partijiet awditjati ppreżentaw pjan ta' azzjoni f' Settembru 2018. Dan il-pjan ta' azzjoni ġie vvalutat bħala sodisfaċenti mis-Servizz tal-Awditjar Intern;

mindu ħareġ dan ir-rapport, iż-żewġ pjanijiet ta' azzjoni ġew ippreżentati u ġew ivvalutati bħala sodisfaċenti mis-Servizz tal-Awditjar Intern, u tmien rakkomandazzjonijiet (kollha relatati mal-awditu dwar *l-Arranġamenti ta' governanza / ta' sorveljanza tal-Kummissjoni rigward il-ġestjoni tar-riskju, ir-rappurtar finanzjarju u l-funzjoni tal-kontroll ex post / tal-awditjar*) ġew kollha kemm huma aċċettati bis-sħiħ mill-partijiet awditjati.

L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet aċċettati matul il-perjodu 2013-2017, kif ivvalutati mill-partijiet awditjati<sup>14</sup>, fil-31 ta' Jannar 2018 kienu kif ġej:

---

- *Il-qafas ta' governanza korporattiva tal-IT u l-ġestjoni tal-portafoll*. Għal dan l-awditu ġie kkomunikat pjan ta' azzjoni f'Ġunju 2018 li ġie vvalutat bħala sodisfaċenti mis-Servizz tal-Awditjar Intern.

14 Din it-tabella turi l-klassifikazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet fid-data tal-għeluq. Din tista' tkun differenti mill-klassifikazzjoni fir-rapport oriġinali jekk azzjonijiet sussegwenti meħuda mill-parti awditjata jitqiesu suffiċjenti mis-Servizz tal-Awditjar Intern sabiex jiġu mmitigati parzjalment ir-riskji identifikati u għalhekk jitnaqqas il-grad tar-rakkomandazzjoni.

| Sena  | Prijorità              | Total       | Implementati |             | Għadhom għaddejjin (skont in-numru ta' xhur tard meta mqabbel mad-data tal-ghelug tal-31 ta' Jannar 2018) |             |                 |           |           |           |
|---|------------------------|-------------|--------------|-------------|---|-------------|-----------------|-----------|-----------|-----------|
|   |                        |             | Nru          | %           | Nru   | %           | L-ebda dewmi en | 0 - 6     | 6 - 12    | 12+       |
| 2013  | Ta' importanza kritika | 0           | 0            | 0 %         | 0   | 0 %         | 0               | 0         | 0         | 0         |
|   | Importanti ħafna       | 45          | 44           | 98 %        | 1   | 2 %         | 0               | 0         | 0         | 1         |
|   | Importanti             | 75          | 72           | 96 %        | 3   | 4 %         | 0               | 0         | 0         | 3         |
|   | Mixtieqa               | 7           | 7            | 100 %       | 0   | 0 %         | 0               | 0         | 0         | 0         |
|   | <b>Total 2013</b>      | <b>127</b>  | <b>123</b>   | <b>97 %</b> | <b>4</b>  | <b>3 %</b>  | <b>0</b>        | <b>0</b>  | <b>0</b>  | <b>4</b>  |
| 2014  | Ta' importanza kritika | 0           | 0            | 0 %         | 0   | 0 %         | 0               | 0         | 0         | 0         |
|   | Importanti ħafna       | 36          | 36           | 100 %       | 0   | 0 %         | 0               | 0         | 0         | 0         |
|   | Importanti             | 78          | 70           | 90 %        | 8   | 10 %        | 1               | 0         | 0         | 7         |
|   | Mixtieqa               | 11          | 11           | 100 %       | 0   | 0 %         | 0               | 0         | 0         | 0         |
|   | <b>Total 2014</b>      | <b>125</b>  | <b>117</b>   | <b>94 %</b> | <b>8</b>  | <b>6 %</b>  | <b>1</b>        | <b>0</b>  | <b>0</b>  | <b>7</b>  |
| Rakko manda zzjoniji et tal-IACS aċċettati                    | Ta' importanza kritika | 0           | 0            | 0 %         | 0   | 0 %         | 0               | 0         | 0         | 0         |
|   | Importanti ħafna       | 253         | 252          | 100 %       | 1   | 0 %         | 0               | 0         | 0         | 1         |
|   | Importanti             | 591         | 578          | 98 %        | 13  | 2 %         | 0               | 0         | 0         | 13        |
|   | Mixtieqa               | 63          | 63           | 100 %       | 0   | 0 %         | 0               | 0         | 0         | 0         |
|   | <b>Total ta' IACS</b>  | <b>907</b>  | <b>893</b>   | <b>98 %</b> | <b>14</b>   | <b>2 %</b>  | <b>0</b>        | <b>0</b>  | <b>0</b>  | <b>14</b> |
| 2015  | Ta' importanza kritika | 1           | 1            | 100 %       | 0   | 0 %         | 0               | 0         | 0         | 0         |
|   | Importanti ħafna       | 65          | 54           | 83 %        | 11  | 17 %        | 3               | 2         | 3         | 3         |
|   | Importanti             | 131         | 116          | 89 %        | 15  | 11 %        | 2               | 0         | 2         | 11        |
|   | Mixtieqa               | 20          | 20           | 100 %       | 0   | 0 %         | 0               | 0         | 0         | 0         |
|   | <b>Total 2015</b>      | <b>217</b>  | <b>191</b>   | <b>88 %</b> | <b>26</b>   | <b>12 %</b> | <b>5</b>        | <b>2</b>  | <b>5</b>  | <b>14</b> |
| 2016  | Ta' importanza kritika | 0           | 0            | 0 %         | 0   | 0 %         | 0               | 0         | 0         | 0         |
|   | Importanti ħafna       | 115         | 65           | 57 %        | 50  | 43 %        | 32              | 15        | 3         | 0         |
|   | Importanti             | 142         | 76           | 54 %        | 66  | 46 %        | 21              | 25        | 16        | 4         |
|   | Mixtieqa               | 3           | 3            | 100 %       | 0   | 0 %         | 0               | 0         | 0         | 0         |
|   | <b>Total 2016</b>      | <b>260</b>  | <b>144</b>   | <b>55 %</b> | <b>116</b>  | <b>45 %</b> | <b>53</b>       | <b>40</b> | <b>19</b> | <b>4</b>  |
| 2017  | Ta' importanza kritika | 1           | 0            | 0 %         | 1   | 100 %       | 1               | 0         | 0         | 0         |
|   | Importanti ħafna       | 71          | 1            | 1 %         | 70  | 99 %        | 63              | 6         | 1         | 0         |
|   | Importanti             | 126         | 7            | 6 %         | 119   | 94 %        | 114             | 5         | 0         | 0         |
|   | Mixtieqa               | 1           | 0            | 0 %         | 1   | 100 %       | 1               | 0         | 0         | 0         |
|   | <b>Total 2017</b>      | <b>199</b>  | <b>8</b>     | <b>4 %</b>  | <b>191</b>  | <b>96 %</b> | <b>179</b>      | <b>11</b> | <b>1</b>  | <b>0</b>  |
| <b>TOTAL 2013-2017</b>  | <b>1835</b>            | <b>1476</b> | <b>80 %</b>  | <b>359</b>  | <b>20 %</b>   | <b>238</b>  | <b>53</b>       | <b>25</b> | <b>43</b> |           |
| <b>Li minnhom ta' Importanza Kritika jew Importanti Ħafna</b> | <b>587</b>             | <b>453</b>  | <b>77 %</b>  | <b>134</b>  | <b>23 %</b>   | <b>99</b>   | <b>23</b>       | <b>7</b>  | <b>5</b>  |           |

B'kollox, 1 476 jew 80 % tal-għadd totali ta' rakkomandazzjonijiet aċċettati mwettqa matul il-perjodu 2013-2017 huma kkunsidrati mill-partijiet awditjati li ġew implimentati, u dan iħalli total ta' 359 rakkomandazzjoni (jew 20 %) li għadhom għaddejjin. Minn dawn it-359 rakkomandazzjoni li għadhom għaddejjin,

waħda kienet ikklassifikata bħala kritika<sup>15</sup>, u 133 rakkomandazzjoni kienu kklassifikati bħala importanti ħafna (23 % mill-għadd totali ta' rakkomandazzjonijiet ta' importanza kritika u importanti ħafna acçettati).

Mit-359 rakkomandazzjoni li għadhom għaddejjin, 121 għadha żmienhom u jirrappreżentaw 6,6 % tal-għadd totali ta' rakkomandazzjonijiet acçettati, li minnhom 12-il rakkomandazzjoni importanti ħafna qabeż żmienhom ġmielu (b'aktar minn sitt (6) xhur meta mqabbel mad-data dovuta oriġinali). Dawn kienu jirrappreżentaw 0,7 % biss tal-għadd totali ta' rakkomandazzjonijiet acçettati fil-perjodu 2013-2017.

L-għadd totali ta' rakkomandazzjonijiet maħruqa matul il-perjodu 2013-2017 li għalihom twettaq awditu ta' segwitu jammonta għal 1 361 meta mqabbel ma' 1 476 irrappurtati bħala "lesti għal rieżami" mill-partijiet awditjati.

Mill-għadd totali ta' rakkomandazzjonijiet segwiti matul dak il-perjodu, 1 296 (95 %) ingħalqu mis-Servizz tal-Awditjar Intern. Dan ifisser li bħala medja, is-Servizz tal-Awditjar Intern ikkonkluda li 5 % tar-rakkomandazzjonijiet ma jistgħux jitqiesu bħala effettivament implimentati, u b'hekk mhux magħluqa wara t-tlestija tal-awditjar ta' segwitu.

B'mod ġenerali, is-Servizz tal-Awditjar Intern jikkunsidra li s-sitwazzjoni attwali rigward l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar hija sodisfaċenti u komparabbli għal perjodi preċedenti ta' rappurtar. Jindika li s-servizzi tal-Kummissjoni huma diliġenti fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet importanti ħafna, u għalhekk ir-riskji identifikati jiggu mmitigati. Madankollu, trid tingħata attenzjoni lir-rakkomandazzjonijiet individwali meqjusa bħala importanti ħafna li qabeż żmienhom ġmielu, jiġifieri b'aktar minn sitt xhur. Ġie stabbilit rapport apposta u dan intbagħat lill-Kumitat dwar tal-Progress tal-Awditjar<sup>16</sup>, li sommarju tiegħu jinsab fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal ma' dan ir-rapport.

---

15 Wara l-eżerċizzju ta' segwitu mis-Servizz tal-Awditjar Intern mwettaq f'Marzu 2018, l-ikklassifikar ta' din ir-rakkomandazzjoni ta' importanza kritika tnaqqas għal "importanti ħafna".

16 Ħarsa ġenerali komprensiva dwar ir-rakkomandazzjonijiet tas-Servizz tal-Awditjar Intern hija pprovduta fir-rapport indirizzat lill-Kumitat dwar il-Progress tal-Awditjar bid-data tas-27 ta' Marzu 2018.

## 4. KONKLUŻJONIJET DWAR IL-ĦIDMA TAL-AWDITJAR IMWETTQA FL-2017

### 4.1. Il-konklużjonijiet dwar l-awditi tal-prestazzjoni

Bi tweġiba għal-linja meħuda mill-Kummissjoni favur kultura bbażata fuq il-prestazzjoni u enfasi akbar fuq il-valur għall-flus, is-Servizz tal-Awditjar Intern kompli jwettaq awditi tal-prestazzjoni<sup>17</sup> u awditi li jinkludu elementi importanti tal-prestazzjoni (verifiki komprensivi) fl-2017 bħala parti mill-pjan strateġiku tal-awditjar tiegħu għall-2016-2018.

F'konformità mal-metodoloġija u mal-aħjar prattika tiegħu, is-Servizz tal-Awditjar Intern kellu approċċ indirett fil-konfront tal-prestazzjoni, jiġifieri jekk il-maniġment waqqafx sistemi ta' kontroll maħsuba biex jivvalutaw u jagħtu aċċertament dwar il-prestazzjoni (l-effiċjenza u l-effettività) tal-attivitajiet tiegħu u kif waqqafhom. Permezz ta' dan l-approċċ, is-Servizz tal-Awditjar Intern għandu l-għan li jiżgura li, l-ewwel nett, id-Direttorati Ġenerali u s-Servizzi jkunu stabbilew oqfsa adegwati ta' prestazzjoni u għodod ta' kejl tal-prestazzjoni, indikaturi ewlenin u sistemi ta' monitoraġġ. Sa ċertu punt dan jirriżulta mill-fatt li għadd kbir ta' bażijiet ġuridiċi jstabilixxu objettivi b'amibitu usa' minn dak li l-Kummissjoni tista' tikseb waħidha. Dan ifisser li l-objettivi SMART (Specific, Measurable, Achievable, Relevant, Time-Bound - speċifiċi, miżurabbli, realizzabbli, relevanti u li jintlaħqu f'perjodu definit) u l-punti ta' riferiment l-ewwel iridu jiġu stabbiliti fil-livell tal-Kummissjoni sabiex tiġi separata, safejn huwa possibbli, il-kontribuzzjoni speċifika tal-Kummissjoni minn dawk ta' atturi prinċipali oħrajn li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni u l-kisba tal-objettivi tal-fondi tal-UE (l-Istati Membri, ir-Reġjuni, il-Pajjiżi Terzi, l-Organizzazzjonijiet Internazzjonali eċċ).

It-taqsimiet li ġejjin jippreżentaw il-konklużjonijiet tas-Servizz tal-Awditjar Intern dwar id-diversi aspetti tal-prestazzjoni tal-awditjar tiegħu li saru fl-2017.

#### 4.1.1. *Il-Prestazzjoni tad-Direttorati Ġenerali, tas-Servizzi u tal-Aġenziji Eżekuttivi tal-Kummissjoni: proċeduri orizzontali*

##### 4.1.1.1. Proċeduri ta' governanza

F'Ottubru 2016, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri ħarġet ir-Rapport speċjali Nru 27/2016 dwar "Il-Governanza fil-Kummissjoni Ewropea — l-aħjar prattika?". Il-Qorti rrakkomandat, fost l-oħrajn, li l-Kummissjoni tistieden lill-Awditur Intern biex iwettaq aktar xogħol ta' awditjar dwar kwistjonijiet ta' governanza ta' livell għoli<sup>18</sup>. Bħala tweġiba, fil-11 ta' Jannar 2017 il-Kulleġġ adotta deċiżjoni (ref. C(2017) 4 Final) li titlob lill-Awditur Intern biex iwettaq awditu dwar l-arranġamenti ta' governanza tal-Kummissjoni marbutin mal-ġestjoni tar-riskju, ir-rappurtar finanzjarju u l-funzjoni tal-kontroll *ex post*/tal-awditjar. Is-Servizz tal-

17 B'kollox, is-Servizz tal-Awditjar Intern wettaq 47 awditu komprensiv u tal-prestazzjoni. Għal aktar dettalji ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal.

18 Il-governanza tajba hija dwar li jkun hemm proċeduri / strutturi xierqa fis-seħħ li jippromwovu l-kisba tal-objettivi tal-organizzazzjoni permezz tal-informazzjoni, tal-ġestjoni u tal-monitoraġġ tal-attivitajiet tagħha. Is-sorveljanza hija biex jiġi żgurat li dawn il-proċeduri / l-istrutturi jkollhom fir-realtà superviżjoni li tkun indipendenti mill-ġestjoni operattiva.

Awditjar Intern wettaq dan l-awditu fl-2017 flimkien ma' diversi awditi li kienu diġà ppjanati għal proċeduri ta' governanza (ta' livell għoli) f'oqsma oħra fil-Kummissjoni. Ir-risultati ta' dawn l-awditi juru li jeżistu nuqqasijiet importanti ħafna f'diversi arranġamenti ta' governanza kemm fil-livell korporattiv kif ukoll dak operattiv. Minħabba l-kumplessità attwali tal-kuntest tal-UE, inkluża l-ħtieġa li titjeb il-fiduċja u l-kunfidenza taċ-ċittadini fil-politiki u fl-Istituzzjonijiet tal-UE, is-Servizz tal-Awditjar Intern ikkonkluda li l-Kummissjoni jenħtieġ li taħtaf l-opportunità biex tkompli ttejjeb l-arranġamenti ta' governanza tagħha u għaldaqstant l-abilità tagħha biex tilħaq l-objettivi tagħha.

Wara r-riforma amministrattiva tal-2000, il-Kummissjoni għamlet passi 'l quddiem sinifikanti fejn saħħet l-obbligu ta' rendikont, ir-responsabbiltà u l-proċeduri tal-bini ta' aċċertament tagħha. Il-mudell deċentralizzat tal-ġestjoni finanzjarja jinftehem sew u huwa parti integrali mill-kultura tal-organizzazzjoni, filwaqt li fis-seħħ hemm strumenti ċari dwar l-obbligu ta' rendikont flimkien ma' proċedura soda għall-bini tal-aċċertament. Barra minn hekk, f'Ottubru 2017 il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar il-governanza fil-Kummissjoni Ewropea. Madankollu, fil-livell korporattiv, is-Servizz tal-Awditjar Intern identifika l-ħtieġa għal titjib proporzjonat tal-arranġamenti ta' governanza u ta' sorveljanza attwali, b'mod partikolari fir-rigward tal-ġestjoni tar-riskju u ta' aspetti aktar ġenerali tal-istruttura ta' governanza.

Barra minn hekk, fil-qasam ta' governanza korporattiva tal-IT sar progress sinifikanti mill-2015 meta l-istrutturi ta' governanza tal-IT il-ġodda ġew stabbiliti. Madankollu, minkejja dawn l-iżviluppi, ġew identifikati nuqqasijiet sinifikanti li jeħtieġu rispons proporzjonat iżda meħtieġ biex il-governanza f'dan il-qasam tiġi msaħħa u tkompli tissaħħa. It-titjib rakkomandat għandu l-għan li jikkumplementa u jsahha l-istrutturi eżistenti tal-Kummissjoni billi jingħataw aktar setgħat lill-Bord tal-IT, billi tiġi definita strateġija korporattiva tal-IT ġenerali ċara u billi titjeb is-sorveljanza korporattiva tal-portafoll tal-investimenti tal-IT fil-Kummissjoni kollha.

Id-Direttorat Ġenerali tar-Riżorsi Umani u tas-Sigurtà, l-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Flas tal-Intitolamenti Individwali (PMO) u l-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO) għandhom firxa ta' sistemi tal-informazzjoni korporattivi li huma vitali għall-funzjonament ta' kuljum tal-Kummissjoni kif ukoll ta' xi Istituzzjonijiet Ewropej oħra, Aġenziji Deċentralizzati u Eżekuttivi tal-UE u korpi oħra tal-UE. F'dan il-qasam, ġew identifikati nuqqasijiet sinifikanti fil-governanza attwali u fl-arranġamenti għall-ġestjoni fis-seħħ tal-proġetti f'dawn is-sistemi. Huwa meħtieġ titjib importatni sabiex jiġi żgurat l-allinjament strateġiku kemm fi ħdan il-familja tar-Riżorsi Umani u fid-Direttorat Ġenerali għall-Informatika bħala l-fornitur ta' sistema u ta' servizz tal-IT primarji, biex b'hekk jiġi ottimizzat il-valur miksub mill-investimenti fl-IT.

Id-defiċjenzi fil-governanza huma wkoll il-kawża ewlenija tan-nuqqasijiet sinifikanti identifikati fil-proċedura tal-produzzjoni u fil-kwalità tal-istatistika li ma ngħatatx mill-Eurostat. Is-Servizz tal-Awditjar Intern jirrikonoxxi li fi ħdan il-limiti tal-qafas attwali u tar-responsabbiltajiet rispettivi tal-atturi involuti, diġà ttieħdu xi passi kemm fil-livell korporattiv (Eurostat) kif ukoll fil-livell operattiv (f'Direttorat Ġenerali / f'Servizz) biex tiġi kkoordinata u ġestita l-proċedura ta' produzzjoni tal-istatistika minn Direttorati Ġenerali / Servizzi, sabiex tittejjeb il-kwalità tagħhom. Barra minn hekk, id-Direttorati Ġenerali operattivi għandhom fis-seħħ, bi gradi differenti ta' formalizzazzjoni u ta' kumplessità, il-proċeduri u l-attivitatiet

tagħhom sabiex jiżguraw li l-bżonnijiet statistiċi tagħhom jkunu ssodisfati jew minn fornituri esterni jew bl-ipproċessar intern ta' *data* li tkun diġà disponibbli. Madankollu, il-qafas attwalment fis-seħħ fil-Kummissjoni mhuwiex b'saħħtu biżżejjed biex jiżgura li l-kwalità tal-istatistika mhux prodotta mill-Eurostat tkun kumplessivament ta' standard sodisfaċenti u li l-proċeduri differenti li jintużaw attwalment huma sostenibbli fuq terminu twil.

#### 4.1.1.2. Il-proċeduri tal-ġestjoni tar-Riżorsi Umani

Fil-qasam tar-Riżorsi Umani, is-Servizz tal-Awditjar Intern ivvaluta, għal diversi Direttorati Ġenerali u Aġenziji Eżekuttivi, jekk dawn fasslux u implimentawx strateġiji effettivi tar-Riżorsi Umani biex jittrattaw l-isfidi li jirriżultaw minn prijoritajiet ġodda, il-bidliet fil-livelli tal-persunal u r-riorganizzazzjonijiet. B'mod ġenerali, l-awditi kkonkludew li d-Direttorati Ġenerali u l-Aġenziji Eżekuttivi hađu miżuri xierqa biex jiġġestixxu l-isfidi tar-Riżorsi Umani li qegħdin jiffaċċjaw. Madankollu, ġew identifikati xi nuqqasijiet fil-ġestjoni strateġika tar-Riżorsi Umani fid-Direttorat Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni u l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura, fl-allokkazzjoni ta' riżorsi umani fid-Direttorat Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni u d-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi u fl-istruttura organizzattiva u fil-proċedura tas-selezzjoni ta' aġenti kuntrattwali tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura.

#### 4.1.1.3. Il-proċeduri ta' ġestjoni tal-IT

Bosta awditi tal-IT kkonkludew li hemm lok għal titjib fl-effikaċja tas-sigurtà tal-IT fil-Kummissjoni. Iċ-ċibersigurtà, jew is-sigurtà tal-IT huma ta' importanza kritika biex jiġi żgurat li f'organizzazzjoni l-informazzjoni tkun protetta kontra d-divulgazzjoni lil utenti li ma jkunux awtorizzati (il-kunfidenzjalità), il-modifiki mhux xierqa (integrità) u n-nuqqas ta' aċċess meta dan ikun meħtieġ (id-disponibbiltà).

Fl-awditu dwar is-sigurtà tal-IT tad-Direttorat Ġenerali għall-Informatika, is-Servizz tal-Awditjar Intern ikkonkluda li għalkemm il-kontrolli preventivi huma mfassla b'mod adegwat u effettiv, il-livell ta' maturità jvarja bejn it-teknoloġiji differenti analizzati. Barra minn hekk, hemm nuqqasijiet sinifikanti fir-rigward tal-kontrolli tal-integrità, li fil-prattika huma inqas sistematiċi u effettivi.

Fil-livell operattiv, id-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija jiġġestixxi diversi sistemi tal-IT li jappoġġjaw il-proċeduri tal-kontabilità u tal-ispezzjoni nukleari li jittrattaw informazzjoni kklassifikata taħt is-salvagwardji tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika (EURATOM), u għal liema jeħtieġ li jiġu indirizzati kwistjonijiet importanti. B'mod partikolari, l-arranġamenti tas-sigurtà attwali jirriżultaw prinċipalment minn valutazzjoni li saret madwar sittax-il sena ilu, li ma ġietx aġġornata. Barra minn hekk, nuqqasijiet organizzazzjonali ġew innutati fl-arranġamenti tal-governanza tas-sigurtà tal-IT, fil-pjanijiet tas-sigurtà tal-IT u fil-kontrolli fuq in-network tas-sigurtà.

L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) jittratta ammont kbir ta' informazzjoni sensitiva fis-sistemi tal-IT tiegħu, u l-kunfidenzjalità u l-integrità għandhom rekwiżiti partikolari. Is-Servizz tal-Awditjar Intern jirrikonoxxi li l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi japplika għadd ta' Prattiki tajbin biex inaqqas ir-riskji inerenti għas-sigurtà li din tkun esposta għalihom. Madankollu, is-Servizz

tal-Awditjar Intern identifika għadd ta' nuqqasijiet li wassluh biex jikkonkludi li l-kontrolli fis-seħħ ma jipprovdwx biżżejjed aċċertament li r-riskji għas-sigurtà tal-IT huma mmitigati kif xieraq. B'mod partikolari, is-sistema għall-Ġestjoni tal-Kontenut, li hija s-sistema prinċipali użata mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi għal każijiet ta' kuljum tagħha u b'mod aktar ġenerali l-istruttura ta' governanza għas-sigurtà tal-IT jeħtieġ li jittejjbu b'mod sinifikanti.

#### 4.1.1.4. Proċeduri oħra

Awditi oħra tas-servizz tal-Awditjar Intern urew li kienu meħtieġa azzjonijiet ulterjuri sabiex tiżdied il-prestazzjoni ġenerali l-proċeduri awditjati.

L-uffiċjali Awtorizzanti b'Delega (AODs) jeħtieġ li jikkunsidraw il-kosteffettività tal-kontrolli meta jistabbilixxu s-sistemi ta' kontroll intern fid-Direttorati Ġenerali tagħhom u jenħtieġ li jirrappurtaw dwar il-kosteffettività tal-kontrolli fir-Rapporti ta' Attività Annwali tagħhom, filwaqt li l-Kummissjoni jenħtieġ li tagħmel stima tal-kostijiet u l-benefiċċji tas-sistemi ta' kontroll meta tirrevedi jew tippreżenta proposti ta' nfiq ġodda. L-awditu, mwettaq f'diversi Direttorati Ġenerali, dwar il-qafas / l-arranġamenti tal-Kummissjoni għall-istima, għall-valutazzjoni, u għar-rappurtar dwar il-kosteffettività tal-kontrolli juri nuqqasijiet sinifikanti fil-qafas korporattiv attwali, li jnaqqsu b'mod sinifikanti l-utilità tar-riżultati rrapportati dwar il-kostijiet u l-benefiċċji tal-kontrolli, kemm għall-ġestjoni tal-Kummissjoni u kemm għall-partijiet ikkonċernati esterni. Hemm elementi ewlenin tal-qafas li jeħtieġ li jiġu sostanzjalment imtejjba sabiex il-proċedura ssir aktar utli u rilevanti.

Il-ġestjoni tas-swieq agrikoli, inkluż il-kriżijiet tas-suq, hija waħda mir-responsabbiltajiet prinċipali tad-Direttorat Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali, li għet mill-oġettivi tal-politika agrikola komuni. Id-Direttorat Ġenerali daħħal fis-seħħ proċeduri adegwati, li ppermettewlu li jirreaġixxi fil-ħin għal sitwazzjonijiet ta' kriżijiet fis-suq. Madankollu, jeżisti nuqqas sinifikanti fir-rigward ta' sa fejn hu possibbli li d-Direttorat Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali jieħu tagħlimiet minn dawn is-sitwazzjonijiet f'termini ta' ġestjoni tar-riskju u tas-segwitu għall-miżuri ta' kriżi.

Fil-qasam tat-tnejn għall-kriżijiet fis-sikurezza alimentari, is-Servizz tal-Awditjar Intern sab li d-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari ma kienx aġġorna fuq bażi regolari l-"pjan ġenerali" għal kriżijiet alimentari u l-proċeduri u l-arranġamenti relatati, ma kienx ittestja dan il-pjan mal-biċċa l-kbira tal-partijiet ikkonċernati prinċipali responsabbli mill-ġestjoni tal-kriżijiet fil-livell tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni, u ma kellu l-ebda pjan konkret fis-seħħ biex il-pjan jiġi ppruvat. Barra minn hekk, l-awditu żvela nuqqasijiet fil-komunikazzjoni. Dan joħloq riskji għall-effiċjenza u l-effettività f'termini ta' tnejn għall-kriżijiet.

Il-politika tal-kompetizzjoni tal-Unjoni Ewropea għandha l-għan li tiżgura li l-kompetizzjoni fis-suq intern ħieles ma tiġix imxekkla billi tipprevjeni jew tikkoreġi mgħiba antikompetittiva fl-oqsma tal-antitrust, tal-fużjonijiet u tal-għajjuna mill-Istat. F'sistema fejn kemm il-Kummissjoni Ewropea u kemm l-Istati Membri għandhom kompetenzi fl-infurzar tal-politika tal-UE dwar l-antitrust, il-koordinazzjoni bejniethom hija essenzjali għall-effettività ġenerali tal-politika. Jeżistu nuqqasijiet sinifikanti f'termini ta' kooperazzjoni mal-qrati nazzjonali minħabba l-fluss limitat ta' informazzjoni li ġej minn għandhom. Il-Kummissjoni ma rċevietx informazzjoni sħiħa minn xi Stati Membri dwar il-kontenut ta' sentenzi nazzjonali relatati mal-infurzar tal-liġi tal-antitrust tal-UE, kif obligat bir-

Regolament 1/2003. Din is-sitwazzjoni tipprevjeni lill-Kummissjoni milli tissottometti osservazzjonijiet, meta waħda mill-partijiet tippreżenta appell kontra sentenza, u milli tidentifika u tivvaluta nuqqasijiet jew diverġenzi dwar l-infurzar tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-UE.

Fost is-servizzi kollha tal-Kummissjoni, id-Direttorat Ġenerali għall-Ambjent jiġġestixxi wieħed mill-ogħla livelli ta' lmenti u ta' każijiet ta' infrazzjoni. Matul l-aħħar għaxar snin, id-Direttorat Ġenerali għamel sforzi sinifikanti bl-għan li jtejjeb l-infurzar tal-liġi ambjentali ferm kumplessa tal-UE. Madankollu, minkejja l-isforzi sabiex itejjeb il-mod kif jiġi ttrattat l-għadd kbir ta' lmenti u ksur, xorta għadu jesperjenza diffikultajiet konsiderevoli biex jilħaq il-miri tal-Kummissjoni sabiex jindirizzahom. Barra minn hekk, il-persjoni attwali fuq il-persunal tad-Direttorat Ġenerali involut f'dawn il-proċeduri x'aktarx li se tkompli tintensifika fid-dawl tad-dispożizzjonijiet il-ġodda ddetaljata fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Id-dritt tal-UE: riżultati aħjar permezz ta' applikazzjoni aħjar". Bħala riżultat, għalkemm id-Direttorat Ġenerali għall-Ambjent stabbilixxa proċeduri adegwati sabiex jiżgura l-infurzar effettiv tal-liġi ambjentali, għad hemm għadd ta' nuqqasijiet sinifikanti li jeħtieġ li jiġu indirizzati b'mod partikolari dwar l-effiċjenza u l-effikaċja kif jiġu ttrattati l-ilmenti u l-infurzar tal-liġi ambjentali tal-UE.

Il-proġetti xjentifiċi huma parti mill-attivitajiet ċentrali taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka u huma kruċjali biex jinkisbu riżultati xjentifiċi ta' kwalità sabiex b'evidenza indipendenti jiġu appoġġati l-politiki tal-UE waqt iċ-ċiklu kollu tal-politika. Minkejja li s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll stabbiliti miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka għal attivitajiet marbutin mal-ġestjoni tal-proġett xjentifiku tagħha huma mfasslin b'mod adegwat, hemm nuqqasijiet sinifikanti fl-implimentazzjoni tagħhom rigward il-monitoraġġ tal-eżekuzzjoni ta' proġetti xjentifiċi u l-pakketti ta' ħidma.

Fl-awditu dwar l-etika fl-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi, is-Servizz tal-Awditjar Intern ikkonkluda li l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi waqqaf u implimenta qafas ta' etika bbażat fuq proċeduri ċari adattati għall-ambjent speċifiku tad-Direttorati Ġenerali u għan-natura tax-xogħol tagħhom. Il-kontrolli interni fis-seħħ jiżguraw li l-persunal jikkonforma sew mar-regoli u l-obbligi tal-etika, b'mod partikolari f'termini ta' indipendenza, integrità, imparzjalità, diskrezzjoni u oġġettività. Madankollu, l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi jeħtieġ li jtejjeb sew is-sensibilizzazzjoni tal-persunal dwar kif għandu jittratta l-midja soċjali u r-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess.

Barra minn hekk, is-Servizz tal-Awditjar Intern vvaluta l-proċedura ta' rkupru fi ħdan id-Direttorat Ġenerali għar-Riżorsi Umani u s-Sigurtà għas-servizzi pprovduti lill-klijenti tiegħu u sab li d-Direttorat Ġenerali diġà ħa għadd ta' passi biex jadatta u jtejjeb din il-proċedura sabiex igħibha konformi mal-linji gwida korporattivi. Dan primarjament inkluda r-reviżjoni tal-metodoloġija tal-ikkostjar u l-armonizzazzjoni ta' ftehimiet dwar il-livell ta' servizz li ġew konklużi mal-Aġenziji Deċentralizzati, li jirrappreżentaw il-maġġoranza tal-klijenti esterni tagħhom. Madankollu, kien għad hemm preżenti nuqqas sinifikanti fl-abbozz tal-mudell tal-ikkostjar fi żmien il-ħidma fuq il-post, u l-oqsma ewlenin jeħtieġ li jissaħħu sabiex jikkonformaw bis-siħ mar-rekwiżiti korporattivi u l-prinċipji fundamentali.

#### 4.1.2. *Il-prestazzjoni fl-implimentazzjoni ta' approprijazzjonijiet operattivi u amministrattivi tal-baġit*

##### 4.1.2.1. Ġestjoni diretta

Fil-qasam tal-fondi ġestiti direttament, diversi awditi vvalutaw il-programm u l-proċeduri tal-ġestjoni tal-programmi u tal-proġetti, u l-ebda nuqqas sinifikanti fil-prestazzjoni ma kienet identifikata f'dan il-qasam.

##### 4.1.2.2. Ġestjoni Indiretta

Fil-qasam tal-fondi ġestiti indirettament, diversi awditi ffukaw fuq l-arranġamenti superviżorji fis-seħħ fid-Direttorati Ġenerali u s-Servizzi.

Awditu dwar is-superviżjoni ta' Shift2Rail (S2R) mis-Servizz tal-Awditjar Intern żvela problema sinifikanti dwar il-prestazzjoni peress li d-Direttorat Ġenerali għall-Mobilità u t-Trasport ma stabbilixxi strateġija ta' superviżjoni għal Shift2Rail formalizzata, konsolidata u bbażata fuq ir-riskju li tistabbilixxi l-oġġettivi ta' superviżjoni tad-Direttorati Ġenerali u kif l-għodod differenti ta' superviżjoni jikkontribwixxu biex jiġi aċċertat aktar li l-oġġettivi tal-politika jintlaħqu. Ma hemm l-ebda allokazzjoni formali tal-kompiti bejn l-unitajiet operattivi u finanzjarji tad-Direttorat Ġenerali għall-Mobilità u t-Trasport responsabbli mis-superviżjoni ta' Shift2Rail, ħlief għall-preparazzjoni ta' laqgħat konġunti tal-Bord tat-Tmexxija tal-impriża. Barra minn hekk, id-Direttorat Ġenerali għall-Mobilità u t-Trasport ma wettaqtx eżerċizzju ta' mmappjar formali tal-kompiti relatai ma' Shift2Rail u l-istima korrispondenti tar-riżorsi meħtieġa.

Fil-awditu tal-ġestjoni tal-faċilitajiet ta' investiment fi ħdan id-Direttorat Ġenerali għall-Kooperazzjoni Internazzjonali u l-Iżvilupp, is-Servizz tal-Awditjar Intern sab li d-Direttorat ma jimmonitorjax b'mod sistematiku l-prestazzjoni operattiva tal-istituzzjoni finanzjarja internazzjonali (IFI) u l-aspetti ewlenin tal-operazzjonijiet ta' finanzjament mħallat li jrid jirrapporta dwarhom ta' kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Barra minn hekk, ir-rapporti sottomessi mill-IFIs fil-livell tad-Delegazzjonijiet tal-UE huma ta' kwalità li tvarja. Għaldaqstant, id-Delegazzjonijiet tal-UE mhux dejjem ikollhom l-informazzjoni rilevanti biex iwettqu superviżjoni b'mod xieraq fuq l-aspetti operattivi u finanzjarji tal-proġetti.

##### 4.1.2.3. Ġestjoni kondiviża

Fil-qasam tal-ġestjoni kondiviża, diversi awditi vvalutaw il-proċedura ta' ġestjoni tal-programm u tal-proġett. Dawn żvelaw diversi nuqqasijiet sinifikanti fil-prestazzjoni li wħud minnhom jistgħu jwasslu biex l-oġġettivi tal-politika ma jintlaħqux.

Il-proċedura emendatorja tal-programm operattiv (PO) hija mekkaniżmu li permezz tiegħu l-Istati Membri jistgħu jorjentaw mill-ġdid il-mekkaniżmi ta' twettiq għall-implimentazzjoni tal-Programmi Operattivi, u li għalihom d-Direttorati Ġenerali responsabbli jeħtieġ li jwettqu analiżi bir-reqqa qabel l-adozzjoni tal-emenda b'Deċiżjoni tal-Kummissjoni. Għalkemm il-proċedura awditjata b'mod ġenerali qed taħdem tajjeb u d-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana, id-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni u d-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd għamlu sforzi konsiderevoli biex jiġi żgurat appoċċ koordinat f'kull Direttorat Ġenerali u bejn id-Direttorati Ġenerali,

hemm nuqqas sinifikanti rigward il-konsistenza, l-effikaċja u l-puntwalità fl-emendi tal-Programmi Operattivi.

Strumenti varji jintużaw għall-finanzjament ta' inizjattivi favur l-impjeg taż-żgħażaġh, li huma ġestiti mid-Direttorat Ġenerali tal-Impjegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni. Instabu nuqqasijiet sinifikanti fil-mekkaniżmi li jiżguraw koerenza bejn it-tnejn ta' inizjattivi ġodda ta' politika favur l-impjeg taż-żgħażaġh, l-implimentazzjoni tal-finanzjament u l-mekkaniżmu biex jerġgħu jiġu allokati fondi għal prijoritajiet ta' politika ġodda jew urġenti fejn ikun meħtieġ.

Il-Fond għall-Għajjnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD) huwa implimentat permezz ta' diversi Programmi Operattivi ġestiti mid-Direttorat Ġenerali tal-Impjegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni. In-nuqqas ewlieni identifikat jirrigwarda l-kejl u r-rappurtrar tal-prestazzjoni. Il-qafas regolatorju tal-Fond għall-Għajjnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn ma għandux l-elementi ta' qafas għall-kejl tal-prestazzjoni, bħal għanijiet u miri għal indikaturi komuni jew għal objettivi speċifiċi. L-indikaturi u d-*data* rrapportat għall-Fond għal Għajjnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn għandhom limitazzjonijiet inerenti li tagħmilhom anqas siewja għar-rapportar dwar il-prestazzjoni ġenerali tal-fond. Barra minn hekk, il-bażi ġuridika ma għandhiex mekkaniżmi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' miżuri ta' akkumpanjament, u l-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni fuq il-post ma tasalx fuq bażi regolari sabiex jiġi ffaċilitat il-monitoraġġ effikaċi tal-programm.

Fl-aħħar nett, l-awditu ta' proġetti kbar fid-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana żvelat nuqqasijiet sinifikanti fil-proċedura għall-approvazzjoni u l-monitoraġġ bikri ta' proġetti kbar appoġġati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni.

#### **4.2. Konklużjonijiet limitati tas-Servizz tal-Awditjar Intern dwar l-istat tal-kontroll intern ta' kull DG**

Is-Servizz tal-Awditjar Intern ħareġ konklużjonijiet limitati dwar l-istat ta' kontroll intern lil kull Direttorat Ġenerali u Servizz fi Frar 2018. Dawn il-konklużjonijiet jikkontribwixxu għar-Rapporti ta' Attività Annwali tal-2017 tad-Direttorati Ġenerali u tas-Servizzi kkonċernati. Jibbażaw fuq il-ħidma tal-awditjar imwettqa fl-aħħar tliet snin u jkopru r-rakkomandazzjonijiet pendenti kollha maħruġa mis-Servizz tal-Awditjar Intern u mill-eks Strutturi tal-Awditjar Intern (dment li s-Servizz tal-Awditjar Intern ħadhom taħt idejh). Il-konklużjoni mis-Servizz tal-Awditjar Intern dwar l-istat tal-kontroll intern hija limitata għal sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll li kienu soġġetti għal awditu u ma tkoprix is-sistemi li ma ġewx awditjati mis-Servizz tal-Awditjar Intern fl-aħħar tliet snin.

Il-konklużjonijiet limitati ġibdu b'mod partikolari l-attenzjoni fir-rapport annwali tal-attività tad-Direttorat Ġenerali kkonċernat, dwar:

- Id-Direttorat-Ġenerali għall-Azzjoni Klimatika: fir-rigward tad-dewmien osservat fl-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjoni waħda importanti ħafna relatata mas-sigurtà tal-IT (dwar il-ġestjoni tas-sigurtà tas-sistema tal-IT għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-UE) li jesponi lid-Direttorat Ġenerali għar-riskju ta' ksur tas-sigurtà;

- Id-Direttorat Ġenerali għall-Kooperazzjoni Internazzjonali u l-Iżvilupp: fir-rigward tad-dewmien osservat fl-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjoni importanti ħafna maħruġa fil-kuntest tal-awditu dwar il-ġestjoni tal-Faċilità għall-Paċi fl-Afrika;
- L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura: fir-rigward ta' rakkomandazzjoni ta' importanza kritika u għadd ta' rakkomandazzjonijiet importanti ħafna maħruġa fil-kuntest ta' awditu dwar Erasmus+ u l-programm Ewropa Kreattiva – l-ewwel fażi tal-ġestjoni tal-ġhotja.

Barra minn hekk, is-Servizz tal-Awditjar Intern ġibed l-attenzjoni tas-Servizz ta' Sostenn għar-Riforma Strutturali b'mod partikolari dwar problemi li jirrigwardaw l-akkwist pubbliku li ġew identifikati f'awditu dwar il-ġestjoni finanzjarja tas-Servizz ta' Sostenn għar-Riforma Strutturali, u indika li s-servizz jenħtieġ li jivvaluta b'mod xieraq jekk dawn jeħtiġux riżerva fir-Rapport Annwali tal-Attività. Abbażi tal-linji gwida korporattivi eżistenti, is-servizz ikkonkluda li ma kien hemm l-ebda bażi għal riżerva finanzjarja u l-ebda ħtieġa għal riżerva fir-Rapport Annwali tal-Attività minħabba raġunijiet ta' reputazzjoni ġaladarba r-riskji reputazzjonali identifikati ma seħħewx. Is-servizz tal-Awditjar Intern jaqbel ma' din il-valutazzjoni.

### **4.3. Opinjoni ġenerali dwar il-ġestjoni finanzjarja tal-Kummissjoni**

Kif meħtieġ fil-Karta tal-Missjoni tiegħu, is-Servizz tal-Awditjar Intern joħroġ Opinjoni Ġenerali annwali dwar il-ġestjoni finanzjarja tal-Kummissjoni. Din tkun ibbażata fuq il-ħidma ta' awditjar fil-qasam tal-ġestjoni finanzjarja fil-Kummissjoni, mwettqa mis-Servizz tal-Awditjar Intern matul it-tliet snin ta' qabel (2015-2017). Din tqis ukoll l-informazzjoni minn sorsi oħra, jiġifieri r-rapporti mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. L-Opinjoni Ġenerali hija maħruġa b'mod parallel ma' dan ir-rapport u tkopri l-istess sena finanzjarja.

Bħal f'edizzjonijiet preċedenti, l-Opinjoni Ġenerali tal-2017 hija kwalifikata fir-rigward tar-riżervi magħmula mill-Uffiċjali Awtorizzanti b'Dikjarazzjonijiet ta' Delega ta' Aċċertament. Sabiex wasal għal din l-opinjoni, is-Servizz tal-Awditjar Intern qies l-impatt ikkombinat tal-ammonti stmati li jkunu f'riskju skont kif iddivulgati fir-rapporti annwali tal-attività u l-kapaċità korrettiva kif tidher fil-korrezzjonijiet finanzjarji u fl-irkupri mgħoddija, kif ukoll skont l-istimi tal-korrezzjonijiet futuri u l-ammonti f'riskju fl-għeluq. Minħabba d-daqs tal-korrezzjonijiet finanzjarji u l-irkupri mgħoddija u jekk wieħed jassumi li l-korrezzjonijiet fis-snin futuri se jsiru f'livell komparabbli, il-Baġit tal-UE huwa protett b'mod adegwat kollu kemm hu (mhux neċessarjament f'oqsma ta' politika individwali) u matul iż-żmien (xi kultant diversi snin aktar tard).

Mingħajr ma kompla jżid fid-dikjarazzjonijiet tal-Opinjoni Ġenerali, is-Servizz tal-Awditjar Intern enfasizza l-kwistjoni segwenti:

*L-istrateġiji tas-superviżjoni rigward l-implimentazzjoni ta' politiki u programmi minn partijiet terzi*

Minkejja li tibqa' totalment responsabbli biex tiżgura l-legalità u r-regolarità tan-nefqa u l-ġestjoni finanzjarja soda (kif ukoll l-ilħuq tal-oġettivi tal-politika), il-Kummissjoni qed tiddependi iktar u iktar fuq partijiet terzi biex timplimenta l-

programmi tagħha. Dan qed isir l-aktar billi l-Kummissjoni tiddelega l-implimentazzjoni tal-baġit operattiv tagħha (permezz tal-metodu ta' ġestjoni indiretta) jew ċerti kompiti lil pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali jew lil istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, awtoritajiet nazzjonali u aġenziji, Impriżi Konġunti, korpi mhux tal-UE u Aġenziji Deċentralizzati tal-UE. Barra minn hekk, f'xi oqsma ta' politika, qed isir aktar użu tal-istrumenti finanzjarji taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020 attwali. Tali strumenti u mekkaniżmi ta' finanzjament alternattivi jikkostitwixxu sfidi u riskji speċifiċi għall-Kummissjoni, kif ġie enfasizzat ukoll mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Sabiex jissodisfaw ir-responsabbiltajiet ġenerali tagħhom, id-Direttorati Ġenerali operattivi għandhom jissorveljaw l-implimentazzjoni ta' programmi u politiki u jipprovdu gwida u assistenza fejn meħtieġ. Id-Direttorati Ġenerali għalhekk iridu jiddefinixxu u jimplimentaw attivitajiet ta' superviżjoni / monitoraġġ / rappurtar effettivi u effiċjenti biex jiżguraw li l-entitajiet delegati u sħab oħra jimplimentaw il-programmi b'mod effettiv, jiproteġu adegwament l-interessi finanzjarji tal-UE, jikkonformaw mal-ftehimiet tad-delega, meta applikabbli, u jaraw li kwalunkwe kwistjoni potenzjali tiġi indirizzata malajr kemm jista' jkun.

Is-Servizz tal-Awditjar Intern irrakkomanda f'għadd ta' awditi li l-istrategġiji ta' kontroll u ta' superviżjoni ta' ċertu Direttorati Ġenerali jenħtieġ li jiċċaraw aħjar il-prijoritajiet u l-ħtiġijiet tagħhom fir-rigward ta' kif jinkiseb aċċertament fuq il-ġestjoni finanzjarja soda f'dawn il-korpi tal-UE u mhux tal-UE. B'mod partikolari, l-istrategġiji ta' kontroll ma kkunsidrawx ir-riskji differenti involuti fl-għoti ta' kompiti lill-entitajiet delegati, u s-sorsi indipendenti ma ntużawx b'mod effettiv biex jissaħħaħ l-aċċertament. Dawn id-Direttorati Ġenerali jenħtieġ li jwettqu attivitajiet superviżorji aktar effettivi u effikaċi.

Barra minn hekk, l-oġġettivi tal-attivitajiet ta' superviżjoni / monitoraġġ / rappurtar u kif l-effettività tagħhom għandha tiġi vvalutata ma kinux ċari biżżejjed u l-kontrolli fuq dawn l-attivitajiet kienu limitati fil-prattika.

Is-servizz tal-Awditjar Intern jieħu nota tal-inizjattivi meħuda mis-servizzi ċentrali kif ukoll tal-pjanijiet ta' azzjoni żviluppata wara r-rakkomandazzjonijiet tas-Servizz tal-Awditjar Intern mid-Direttorati Ġenerali sħab sabiex jiġu mmitigati r-riskji li jirrigwardaw ir-relazzjonijiet mal-aġenziji deċentralizzati u mal-korpi ta' implimentazzjoni tagħhom, dwar fost affarijiet oħra, il-monitoraġġ tal-ipprogrammar, tal-prestazzjoni u tal-kwistjonijiet baġitarji.

## **5. KONSULTAZZJONI MAL-PANIL DWAR L-IRREGOLARITAJIET FINANZJARJI TAL-KUMMISSJONI**

Fl-2017 ma kienet rrapportata l-ebda problema sistemika mill-panil dwar l-irregolaritajiet finanzjarji skont l-Artikolu 73(6)<sup>19</sup> tar-Regolamentazzjoni Finanzjarju.

---

19 L-Artikolu 117, RAP jistipula: "Dak ir-rapport annwali jsemmi wkoll kwalunkwe problema sistemika li tiġi osservata mill-grupp speċjalizzat imwaaqqaf skont [l-Artikolu 73\(6\) tar-Regolament Finanzjarju](#)."

## 6. MIŻURI TA' MITIGAZZJONI FIR-RIGWARD TA' KUNFLITT TA' INTERESS POTENZJALI (STANDARDS INTERNAZZJONALI) – INVESTIGAZZJONI TAL-OMBUDSMAN EWROPEW

Id-Direttur Ġenerali attwali tas-Servizz tal-Awditjar Intern, l-Awditur Intern tal-Kummissjoni s-Sur Manfred Kraff, ħa l-kariga tiegħu fl-1 ta' Marzu 2017. Is-Sur Kraff qabel kien id-Deputat Direttur Ġenerali (DDG) u l-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni fid-Direttorat Ġenerali għall-Baġit tal-Kummissjoni.

F'konformità mal-istandards tal-Istitut tal-Awdituri Interni<sup>20</sup>, fis-7 ta' Marzu 2017, wara l-ħatra tiegħu bħala Direttur Ġenerali u l-Awditur Intern, is-Sur Kraff ħareġ istruzzjonijiet dwar l-arranġamenti li għandhom ikunu fis-seħħ sabiex jiġi mmitigat u / jew jiġi evitat kull kunflitt ta' interess potenzjali jew anki pperċepit biss rigward il-ħidma tal-awditjar tas-Servizz tal-Awditjar Intern fir-rigward tar-responsabbiltajiet preċedenti tiegħu. Dawn l-arranġamenti pprevedew li s-Sur Kraff ma jkunx involut fis-superviżjoni ta' xogħol tal-awditjar relatat mal-operazzjonijiet li huwa kien responsabbli għalihom qabel ma ngħaqad mis-Servizz tal-Awditjar Intern. Is-superviżjoni tax-xogħol ta' awditjar relatat ma' dawn il-każijiet fl-aħħar mill-aħħar waqa' taħt ir-responsabbiltà tas-Sur Jeff Mason, l-eks Aġent Direttur Ġenerali tas-Servizz tal-Awditjar Intern (Settembru 2016-Frar 2017) u d-Direttur attwali tas-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS.B, l-Awditjar fil-Kummissjoni u fl-Aġenziji Eżekuttivi I). L-arranġamenti pprevedew ukoll li l-Kumitat għall-Progress tal-Awditjar se jiġi infurmat dwar dawn l-istruzzjonijiet u l-implimentazzjoni tagħhom, u li s-Sur Mason se jikkonsulta lill-Kumitat tal-Progress tal-Awditjar fir-rigward tal-valutazzjoni ta' kull sitwazzjoni li tista' tiġi interpretata li ddgħajjef l-indipendenza jew l-oġġettività tas-Sur Kraff. F'dawn il-każijiet, is-Sur Kraff għandu joqgħod lura minn kwalunkwe superviżjoni fuq il-ħidma relatata mal-awditjar.

L-arranġamenti fis-seħħ kienu diskussi mal-Kumitat tal-Progress tal-Awditjar fil-laqgħat tiegħu tas-6 ta' April 2017 (fil-grupp preparatorju) u tat-3 ta' Mejju 2017. Il-Kumitat ħa kont tal-implimentazzjoni reali fl-2017 ta' dawn l-arranġamenti fil-laqgħat tiegħu tat-31 ta' Jannar 2018 (fil-grupp preparatorju) u tas-7 ta' Marzu 2018. Il-Kumitat tal-Progress tal-Awditjar kkonkluda li huwa jqis li l-miżuri definiti mis-Servizz tal-Awditjar Intern jindirizzaw b'mod adegwat ir-riskju ta' kunflitt ta' interess f'konformità mal-istandards internazzjonali u mal-aħjar Prattika, u nnota b'sodisfazzjon li ġew implimentati fil-prattika, fl-awditi relevanti, arranġamenti biex tiġi żgurata l-indipendenza organizzattiva.

L-Ombudsman Ewropew baġhat ittra lill-Kummissjoni Ewropea fl-4 ta' Diċembru 2017 li kienet tgħid li, wara lment minn ċittadin, tinfetaħ inkjesta sabiex tiġi vvalutata l-adegwatezza tal-miżuri meħuda mill-Kummissjoni sabiex jiġi evitat kull kunflitt ta' interess jew il-perċezzjoni tiegħu fir-rigward tal-ħatra tad-Direttur Ġenerali l-ġdid tas-Servizz tal-Awditjar Intern (ref. 1324/2017/LM). Wara talba għal laqgħa tal-Ombudsman Ewropew, fit-8 ta' Frar 2018 saret laqgħa ta' spezzjoni

---

20 L-istandards internazzjonali tal-awditjar, li jirreferi b'mod ċar għalihom ir-Regolament Finanzjarju fl-Artikolu 98 ("Ħatra tal-Awditur Intern"), jistipulaw li: "Jekk l-indipendenza jew l-oġġettività hija mxekkla fil-fatt jew fid-dehra, id-dettalji ta' indeboliment iridu jiġu żvelati lill-partijiet xierqa. In-natura tal-iżvelar tiddependi fuq l-indeboliment." (IIA-IPPF standard 1130). Barra minn hekk, l-istandards jistipulaw li: "l-awdituri interni jridu joqgħodu lura milli jivvalutaw operazzjonijiet speċifiċi li għalihom kienu preċedentement responsabbli. L-oġġettività hija preżunta li tkun indebolita jekk awditur intern jipprovi servizzi ta' aċċertament għal attività li għaliha l-awditur intern kien responsabbli matul is-sena ta' qabel" (IIA-IPPF standard 1130.A1).

bejn il-Kummissjoni u s-servizzi tal-Ombudsman Ewropew. F'din l-okkażjoni, is-Servizz tal-Awditjar Intern u s-servizzi ċentrali tal-Kummissjoni wiegħbu għall-mistoqsijiet li tqajmu mit-tim tal-Ombudsman u ppreżentawlu l-elementi rilevanti, u pprovdew id-dokumenti ta' sostenn rilevanti, skont kif talab l-Ombudsman. Fis-26 ta' April 2018 l-Ombudsman informa lill-Kummissjoni li kopja tar-rapport tal-laqgħa ta' spezzjoni tat-8 ta' Frar 2018 intbagħtet lil min ressaq l-ilment għall-kummenti li jista' jkollu, u li wara li jirċievi l-kummenti tal-ilmentatur, l-Ombudsman se jiddeċiedi dwar il-passi xierqa li jmiss fl-inkjesta.

## **7. KONKLUŻJONIJIET**

L-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni mfassla bi tweġiba għall-awditi tas-Servizz tal-Awditjar Intern ta' din is-sena u għal dawk imgħoddija tikkontribwixxi għat-titjib kostanti tal-qafas ta' kontroll intern tal-Kummissjoni.

Is-Servizz tal-Awditjar Intern se jwettaq awditi ta' segwitu dwar it-twettiq tal-pjanijiet ta' azzjoni li se jiġi eżaminat mill-Kumitat tal-Progress tal-Awditjar, li se jinforma lill-Kulleġġ kif xieraq.

Is-Servizz tal-Awditjar Intern se jkompli jiffoka fuq l-awditjar finanzjarju, ta' konformità, tal-IT u tal-prestazzjoni.